MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Numru. 5/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CHRISTOPHER PULLICCINO**

**KONTRA**

**Makram Hached ta’ 27 sena, bin Mohammed Ben Kheaies Ben Mohammed u Fatma Bent Hamed imwieled Tunesia fit 2 ta’ Lulju, 1975 u residenti ‘St Joseph’ B, Flat 5, Triq Il-Farinal, Mosta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 184399(M);**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Makram Hached** ta’ 27 sena, bin Mohammed Ben Kheaies Ben Mohammed u Fatma Bent Hamed imwieled Tunesia fit 2 ta’ Lulju, 1975 u residenti St Joseph B Flat 5, Triq Il-Farinal, Mosta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 184399(M) li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-1 ta' Jannar, 2003 fil-Qawra, ghal habta tal-4.00a.m. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natuira gravi fuq il-persuna ta' PS 356 Joseph Vella hekk kif iccertifikat mit-tabiba Dr Tabone M.D. mill-Isptar San Luqa.

2. U talli fl-istess post, data u hin ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 101 Noel Enriquez hekk kif iccertifikat mit-tabib Dr Marcel Schembri M.D. tac-Centru Tas-Sahha Tal-Floriana.

3. U talli fl-istess post, data u hin ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 356 Joe Vella u PC 101 Noel Enriquez bhala ufficcjali inkrigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu ghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghom, jew li jinfluixxi fuqhom skond il-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz, ai termini tal-artkolu 95 tal-Kodici Kriminali.

4. U aktar talli fl-istess post, data, u hin attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesh vjolenza pubblika kontra PS356 Joe Vella u PC 101 Noel Enriquez bhala persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li agixxew ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita kompetenti, ai termini tal-artiklu 96 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

5. U talli fl-istess post data u hin, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, u storbju, kif wkoll dagha u kliem fahxi.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema artikoli kien hemm il-hsieb li tista tinstab htija u cioe';

L-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 221, 95, 96, 221, 338,(dd), 17(b)(c), 20, 23, 533 tal-Kap 9.

Rat li meta moqrija l-artikoli, l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni ghal-proceduri sommarji (156 fol.).

Semghet it-trattazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

L-ispettur David Saliba xehed dwar rapport li rcieva ta' glieda gewwa l-Fuego fejn allegatament persuna ta' nazzjonalita Tunezina, mizzewweg Maltija , kien illetika ma zewg ufficjali tal-Pulizija. F'dan l-argument kien wegga PS356 Joseph Vella, tant li kiser idu, ghalhekk sofra griehi ta' natura gravi.

L-ispettur Saliba anke esebixxa stqarrija rilaxxjata mill-istess imputat a fol. 25 tal-process liema document gie mmarkat bhala Dok. CSH 5.

Xehed wkoll l-Ispettur Saliba li stqarr li l-akkuzat kien gie riferut il-Polyclinic biex jigu konstatati l-griehi sofferti minnu.

Xehed wkoll l it-tabib li kien irrifjuta li jezamina l-istess imputat stante l-agir tieghu.

Esebixxa wkoll certifikat mediku mahrug mill-Isptar San Luqa, rilaxxjat minn Dr A. Vella, liema document gie mmarkat bhala Dok. CSH4.

PS 356 Joseph Vella xehed li waqt li kien night duty u kien ghaddej mill-Qawra, innota karozza tal-Mobile Squad wieqfa hdejn l-istabbiliment Fuego. Hemm sab wkoll lil imputat li ried jidhol bil-forza gewwa l-istabbiliment imsemmi. Xehed li l-imputat beda jgholli lehnu u jitkellem hazin. Dan ix-xhud beda jipprova jikkalma lil imputat, rah wkoll joffendi u jhares hazin lejn membri tas-security u l-ufficjali li kienu mieghu. Semma lil PC 1459.

Kompla jghid li l-imputat hedded lil pC 687 Brian Woods, fis-sens li qallu li kien lest li jiltaqa mieghu il-habs. Ix-xhud widdeb lil imputat sabiex jitlaq, hawn l-imputat biddel l-attitudni tieghu tant li hataf lix-xhud minn spalltu u tah daqqa ta' ras. Laqtu ftit, ghax ix-xhud resaq lura, spiccaw it-tnejn ma l-art! Kompla jixhed PS 356 li huwa waqt dan l-incident kien kiser idejh. Jghid li dak il-hin intervjenew il-pulizija u firidhom minn xulxin. Xehed wkoll li hawn l-

imputat kien qed  jidghi u jitkellem hazin. Irresista l-arrest u anke beda jhabbat rasu mal-vettura.

In kontinwazzjoni xehed li hu kien mar fuq il-post minn jeddu, u  mhux ghax kien ircieva xi messagg mill Control Room sabiex jaghmel dan,   lanqas ma  tkellem  mal-pulizija meta wasal fuq il-post,  ghaliex l-imputat mar fuqu mill-ewwel.  Xehed wkoll li l-imputat kellu riha ta' xorb fuqu.  Ikkonferma li kien sema lil imputat jhedded lil PC 687 Woods.  Innega  li hu seta' qal  xi kliem  razzista indirizzat lejn l-imputat.

Joseph Rizzo minn naha tieghu xehed li  huwa kien jahdem bhala security fil-Fuego Night Club Qawra. Ikkonferma li dakinhar  kellhom incident ma l-imputat,  u ghalhekk  kien inhareg mill-istabbiliment.  Stante li l-imputat ma thalliex jerga jidhol gewwa l-Fuego, kien hemm battibekki bejnu  u bejn is-security officers,  Skond dan ix-xhud xejn kbir hlief li offendiehom xi ftit (fol 37). Wara li dan ix-xhud haseb li kien ikonvinca lil imputat biex jallontana ruhu minn fuq il-post, dan rega bdielu u ried jidhol bis-sahha.  Hawn waslet karozza tal-Mobile u l-imputat ghazel  li jkellem lilhom.  Jghid li s-surgent dam kwazi tlett kwarti circa  jitkellem mal-imputat.  Jghid  li l-imputat wara li kkwieta mar fuqhom tahom is-sena t-tajba u fl-istess hin qallhom li kien se jpattieilhom. Zid jghid  dan ix-xhud, li l-imputat dar fuq il-pulizija tal-mobile u qallu li mieghu kellu jiskwerja meta jkunu  l-habs.     Jghid li dak il-hin  intervjena s-surgent li kien qed jkellmu qabel biex jikkontrollah, l-imputat tah daqqa ta' ras, tlett pulizija ohra ppruvaw jimmanettjawh  u l-imputat irrezista l-arrest.

Spjega dan ix-xhud li bid-daqqa s-surgent waqa ma l-art, kif wkoll li–imputat beda jimbotta u  jaghti  bis-sieq fuq karozza.

PC 1459 Mark Anthony Buttigieg wkoll assista ghal incident li nqala hdejn  il-Fuego Qawra.  Spjega wkoll dwar l-incident li l-imputat kien gie mkecci mill-Fuego mill bouncers u beda jinsisti anke' mal-pulizija li jergghu jdahhluh.  Il-pulizija ppruvaw jikkalmawh,   tant li dan ix-xhud, fuq ilment ta' l-istess imputat li l-bouncers kienu

tawh xi daqqiet baghtu anke l-Polyclinic. Wasal anke surgent fuq il-post li pprova wkoll jikkalma l-imputat. Jghid dan ix-xhud li damu sejrin hekk ghal madwar tlett kwarti, siegha. Qal li l-imputat kien hedded lil PC 687 li jpattihielu l-habs, kif qkoll li l-imputat kien ta' daqqa ta' ras lis-surgent, xehed wkoll li l-imputat meta bdew iferquh kien anke irrezista l-arrest, anke beda jhabbat wiccu mall bagoll tal-karozza. Spiccaw haduh il-Polyclinic tal-Floriana, ghalkemm l-imputat ried imur dik tal-Mosta. Hawn l-imputat iggieled wkoll mat-tabib, kif wkoll mas-security barra l-Polyclinic, tant li t-tabib spicca ma nvistahx.

Spjega wkoll dan ix-xhud li wara li s-surgent spicca waqa mal-art, wara li l-imputat kien hebb ghalieh, kienu marru jferrquhom u wkoll jimmanettjaw lil imputat, dan bir-residtenza tieghu u tixjir tal-idejn laqat bil-ponn lil PC 101 Enriquez go ghajnejh.

In-kontro ezami spjega li s-surgent kiser idejh ghax waqa ma l-art meta l-imputat tah daqqa ta' ras (Fol 63).

PC 660 Martin Caruana xehed dwar il-fatt li kien hu li kien irregistra lil imputat meta dan gie arrestat, gie eskortat il-lock up ma PC 1459 u PC 101. Qal wkol li Makram kellu d-demm ma mniehru u xuftejh ghalhekk gie mehud il-Polyclinic. Irrekordja ovvjament dak li kienu qalu l-ufficjali akkompanjanti lil imputat, li dana ma setax jigi ezaminat minhabba l-mod kif kien gab ruhu mat-tabib.

PC 101 Noel Enriquez wkoll xehed li kien *detailed* biex imur fuq l-argument hdejn il-Fuego. Sab lil imputat jargumenta mas-security. L-imputat qalilhom li s-security ma riedux idahhluh u ghalhekk talabhom biex idahhluh huma. Meta huwa qallu li dan ma setax jaghmlu, beda jheddidhom li jtajjarhom minn pulizija.

Waslet vettura ohra b'PC 687 u Surgent li beda jkellem lil imputat,sabiex jikkalmah. Jghid dan ix-xhud li ra' lis-surgent jingibed lura, anzi xehed a folio 106, li huwa kien ra kemm lil imputat kif wkoll lis-surgent jingibdu. Dak il-hin intervjena PC 687. Meta ppruvaw jarrestaw lil imputat

minhabba l-agir tieghu huwa kien hebb ghalijhom. Qal wkoll li x'hin qal lil imputat li kien ser jimmanettjah, l-imputat sar agressiv lejhom u lilu fajjarlu daqqa ta' ponn go wiccu Fol. 105. Zied li meta gew biex jdahhluh fil-vettura dan beda jiftah saqajh biex ma jidholx, anke beda jobzoq u jheddidhom. Fil konfront tat-tabib tal-polyclinic xehed li l-imputat beda jghidlu li kien se jnehhih minn tabib (fol 107).

PC 101 Enriquez esebixxa wkoll certifikat mediku tal-griehi sofferti minnu, li kienu ta' natura hafifa, (fol 109).

PC 687 Brian Wood wkoll stqarr li kien ghaddej minn hdejn il-Fuego u kien ra zewg pulizija jitkellmu mas-security u ragel iehor barrani, cioe' l-imputat. PC 101 avvicina l-vettura taghhom u kellmu lis-surgent dwar problema li kellhom in kwantu ndividwu ma setax jidhol il-Fuego u kien gej b'hafna paroli. Qal li s-surgent nizel mill-karozza u beda jkellem lil imputat, u suppost kien ikkalma, tant li anke' ddecieda li jiehu b'idejn is-security u l-pulizija pero' fl-istess hin beda joffendi lil dan ix-xhud, u anke beda jghidlu li kien ser jarah il-habs, anzi qallu li kien se jibghatu l-habs (fol 115).

Spiega li s-surgent, wara li l-imputat kien ippersista joffendiehom, kien avzah li kien se jarrestah u mar biex izommu biex ma jersaqx lejn il-pulizija l-ohra. Hawn is-surgent kellu jilqa b'idejh ghax l-imputat kien se jsir agressiv mieghu. Hawn ix-xhud sema' lis-surgent jghajjat 'ajma', ra lil imputat jigri ghal fuq is-surgent hekk kif dana waqa mal-art. Sema lil PC 101 javza lil imputat li kien se jarrestah u jaghmillu l-manetti, hawn l-imputat xejjirlu daqqa ta' ponn u laqtu. Beda jissara u jintefa mal-karozza.

Security iehor li ttella jixhed dwar dan l-incident huwa certu' Frankie Axiaq.

Dan xehed li dakinhar tal-incident huwa kien hareg persuna mill-Fuego, li rega' ried jidhol u ma hallewhx. Qal li din il-persuna bdiet tghid li dak il-hin kienet sejra izda kienet ser terga tigi lura. Dak il-hin waqfet karozza

tal-mobile, u l-imputat kien mar jitkellem maghhom, giet karozza ohra tal-pulizija u min go fiha hareg surgent. Dan is-surgent mar jitkellem mal-imputat. Is-surgent qallhom li kollox kien sew, tant li, l-imputat, lil dan ix-xhud kien anke' hadlu b'idejh, u wkoll qallhom 'good night' u telaq. L-imputat izda rega' rritorna lura. Is-surgent hawn qallu li kienu ftiehmu bejniethom li huwa kellu jitlaq – marru jitkellmu ftit l-henn. Fil-pront jghid dan ix-xhud rahom jitqabdu u waqghu mal-art. Jghid li l-pulizija l-ohra marru jassistu. Meta gew biex jdahhluh fil-karozza, irrezistielhom hafna (Fol 111).

Dwar il-griehi fil-konfront tal-imputat xehed Dr Adrian Vella hawn– irrapporta li l-griehi sofferti minnu kienu ta' natura hafifa (vide Dok CSH Fol 24)

Minn naha l-ohra Dr Diana Tabone xehdet dwar il-griehi sofferti minn Joseph Vella (allura ghalina PS 356). Ikkonfermat li kellu ksur f'idejh il-leminija, ezattament fl-ahhar subgha fil-pala. Dawn ikklassifikathom bhala gravi per durata. Ikkonfermat id-dokument minnha esebit Dok DT a fol 130.

Dr Marcel Schembri min naha tieghu xehed fil-konfront tal-griehi sofferti minn Enriquez-ikkonferma li l-griehi kienu hfief. Ikkonferma wkoll wkoll ic-certifikat minnu rilaxxjat a fol 109.

Rega xehed wkoll PS 356 Joseph Vella in kontro ezami. Ikkonferma li kiser idejh tal-lemin 'In-Kuuckles jinzlu l-isfel' (fol 261). Spjega li mill kawza ma ried xejn, anzi li fil-mori tal-kawza hu u l-imputat jiltaqghu u jitkellmu. Qal li huwa lil imputat kien hafirlu. Qal li konsegwenza ta' dan l-incident kien ghamel sitt gimghat fil-gibs.

Fl-istqarrija tieghu Hached qal li kien qed jixrob ma shabu ghalkemm huwa ma kellux il-vizzju tax-xorb. Jghid li mar il-Fuego ma hbieb tieghu, dahal bla problemi, xorob u ha pjacir. Huwa kien ikkomplejnja mas-security li t-tfajla mal-bar kienet zammittlu aktar fuq il-birra. Kien fuq tali kwistjoni li s-security kienu harguh il-barra. Jghid li hareg barra bla glied. Darba barra staqsa ghaliex kien tkecca

meta l-intenzjoni tieghu kienet biss li jigbed l-attenzjoni ghal fatt li t-tfajla ta' wara l-bar kienet qed tippancja hazin. Waqt li huwa kien qed jispjega l-lanjanza tieghu lahqu gew il-pulizija, jghid li mar mal-vettura biex jispjegalhom x'gara. Jghid wkoll li l-101 (PC 101 ghalina) qallu biex ma jitkellimx hekk.

Minn naha tieghu l-imputat wiegbu li kellu jilbes il-beritta u s-seat belt. Hawn il-PC 101 hareg mill-vettura. Wasal is-surgent li kkalmah. Jghid l-imputat li pero' l-101 beda jghidlu kliem provokattiv u joffendih. Jghid li huwa anke kien talab lis-surgent sabiex jiehu b'idejn is-security, u fil-fatt hekk ghamel. Pero' is-security tah daqqa ta' sieq, is-surgent imbotta lis-security l-barra. Skond l-imputat kien is-surgent li tah daqqa fuq rasu u anke tah xi daqqiet. Tawh anke l-pulizija l-ohra. Libsuh il-manetti li ghalieh kienu ssikkati, sa hawn jghid li kien ghadu qed jaqla d-daqqiet. Anke qal li s-surgent tah daqqa ta' sieq fuq sidru. Haduh il-lock up u minhabba l-griehi li kellu anke l-polyclinic. Hawn jghid li hassu njorat mit-tabib li fil-fatt kien irrilaxxja certifikat a favur PC 101.

Ammetta fl-istatement li kien tawwal ilsienu mas-security u mal-pulizija. Ammetta li kien jaf li xi hadd li jigi mis-surgent Bayliss, innega pero li hu qatt miss lis-surgent. Ammetta li hu waqa mal-art meta ippruvaw jimmanettjawh.

Ammetta li hedded il-pulizija pero' ghax offendewlu l-familja u lil missieru. Innega li hu qatt qal lil pulizija li kien se jpattijielhom.

Qal li hu rrezista l-arrest izda biss minhabba li kienu mugugh.

Spicca jghid li kien jiddispjacih jekk kien ghamel xi haga hazina pero' li ma kien ghamel xejn hazin biex jaqla dawk id-daqqiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti fil-valutazzjoni tal-provi ma tistax ma tiehux in kunsiderazzjoni li kull security officer u pulizija nvolut f'dan l-incident xehedu kollha kontra l-imputat.

Issa tista tghid li d-dinamika ta' l-incident kif stqarra l-imputat u x-xhieda tal-prosekuzzjoni hija korretta. Kollha qablu li l-imputat kien gie mkecci mill-Fuego, baqa jipprova jidhol, tkellem mall-pulizija go vettura, tkellem mas-surgent meta wasal fuq il-post u li dan kien ressqu fil-gemb. Jghidu hawn ix-xhieda tal-prosekuzzjoni (anke l-imputat) li l-istess imputat kien mar jiehdilhom b'idejhom, pero' ghal xi raguni rega' mbaghad sar aggressiv lejhom. Jaqblu tant fid-dettal l-imputat u PC 1459 fejn anke sar diskors bejn l-imputat u l-pulizija li dawn kellhom jilbsu l-beritta.

Izda tibqa perplessa din il-Qorti ghala dan l-imputat li rnexxielu jigi kkalmat mis-surgent, li anke mar jiehu b'idejn is-securities li kienu keccewh, kif spicca f'daqqa wahda jattakka lis-surgent 'Head Butting' tant li waqghu fuq xulxin u kisirlu jdejh u li kien wkoll ta daqqa ta' ponn lil PC 101.

A tempo vergine, fl-istqarrija tieghu l-imputat, fil-fatt jghid li kien hu li gie msawwat. Griehi kif gew premessi, sofra.

Ix-xhieda prodotti jghidu li kienu rawh jaghti daqqa bir-ras lis-surgent, min rahom jingibdu minn xulxin, u min rahom fl-art fuq xulxin.

Il-Qorti, hija fil-fatt tal-fehma li kemm is-surgent kif wkoll l-ufficjali tal-pulizija nvoluti kif wkoll l-istess imputat, kollha f'xi grad kienu kkontribwew ghal dak li nqala. Kemm minn naha tal-imputat li ma kienx telaq minn fuq il-post f'hin aktar bikri, anzi parla fil-vojt, kif wkoll minn naha tal-Pulizija specjalment meta gew sabiex jaghmlu l-arrest. Kemm thabat l-imputat sabiex jidhol fil-vettura u anke jekk wzax vjolenza fuq is-surgent, dana skond Dr Adrian Vella spicca sofferenti ta' zewg black eyes, b'daqqa kbira wara widnejh fuq in-naha tax-xellug, kien mugugh f'sidru u

kellu anke abrazzjoni (fol 101). Dawn huma daqqiet li jmorru oltre mir-rezistenza ghal arrest.

Illi in-vista ta' dana kollhu premess, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 221, 95, 96, 221, 338,(dd), 17(b)(c), 20, 23, 533 tal-Kap 9. qieghda ssib htija kif dedotta.

Dwar il-piena, qieset wkoll dak li nghad fil-konfront tal-griehi tal-imputat, qieset li PS 356, ghalkemm ma jistax jirrinunzja ghal procediment, xehed li hu ma ried xejn minghand l-imputat. Illi ma tistax din il-Qorti ma taccettax l-element ta' provokazzjoni minn naha tal-ufficjali tal-pulizija a detriment tal-imputat li eskalat l-incident de quo, ghaldaqstant ghalkemm din il-Qorti hija konxja anke minn sentenzi precedenti taghha u minn dawk moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, li solitament griehi fuq ufficjali pubblici huma punibbli b'penali karcerarja effettiva, tqis li fic-cirkostanzi rizultanti tali piena ghandha tkun wahda sospiza fil-massimu taghha. Rat ghalhekk l-artiklu 28A tal-Kap 9 u qieghda tikkundanna lil Makram Hached ghal sentejn habs sospizi ghal erba snin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------